MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-8 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 479/2002

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

**vs**

**Anthony Debono**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-31 ta' Lulju tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Jirrifondi s-somma ta' elf disa' mija u hmistax-il lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu**

**(LM1915.29,0), imhallsa bhala ghajnuna socjali lill-mara tieghu, ghall-perjodu bejn it-23 ta' Jannar ta' l-1999 u t-18 ta' Awissu tas-sena 2000 meta l-konvenut kien obbligat li jmantni lill-mara tieghu skond il-ligi oltre l-fatt li dan l-obbligu li jmantni lil martu, gie anke dikjarat permezz ta' sentenza datata 5 ta' Dicembru ta' l-1999 mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Lorenza Debono pro et noe vs Anthony Debono";**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 12 ta' Frar tas-sena 2001;**

**Rat in-nota ta' l-attur datata l-1 ta' April tas-sena 2003 li permezz taghha ceda l-kawza fil-mertu stante l-ftehim anness ma' l-istess nota izda zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez;**

**Ghaldaqstant din il-qorti, anke wara li rat il-ftehim milhuq bejn il-partijiet fuq indikat, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-meritu, tikkundanna lill-konvenut Anthony Debono biex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' din il-procedura.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------